**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**DR. DAVID FABRI**

**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 28/2015**

**Joseph Agius**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Agius** ipprezentat fis-6 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent applika sabiex jidhol fl-ingagg ta' Gwardjan Privat.*

*Illi fil-hmistax (15) ta' April, 2015 huwa gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu fil-pozizzjoni sovra indikata ma gietx accettata mill-Kummissarju tal-Pulizija a bazi tal-fatt li l-esponent kien instab hati ta' vjolenza domestika, liema dokument qieghed jigi anness bhala Dok JA1.*

*Illi ta' min jinnota illi mart l-esponent Claire Agius detentrici tal-karta tal-identita` 604781M kienet a viva voce hafret lill-esponent quddiem l-Onorabbli Qorti dakinhar tal-kaz.*

*Illi s-sentenza prefissa ghalkemm kienet wahda konsistenti f'disa' xhur habs sospizi ghal sentejn hija wahda tassativa u ex officio.*

*Illi l-esponent fil-perjodu ta' sentejn ma kkommeta l-ebda incident iehor la mal-konjugi Claire Agius u lanqas ma' terzi persuni.*

*Illi l-konjugi Agius sa minn qabel giet prefissa s-sentenza kienu u baqghu jabitaw taht l-istess saqaf tant illi kellhom ukoll tarbija li nghatat l-isem ta' Hayden li llum ghandu sena u ghaxar xhur.*

*Illi l-fuq espost imur sabiex jikkonferma illi mhux talli ma nqala' l-ebda incident iehor fil-hajja konjugali izda l-partijiet komplew isahhu l-familja taghhom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, jitlob lill-istess sabiex, wara li jisma' l-fatti kollha li jsawru dan il-kaz: (1) jikkunsidra t-talba tal-esponenti sabiex jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat u konsengwentement fid-dawl tal-fuq espost (2) ibiddel u jvarja d-decizjoni precedenti f'wahda li permezz taghha tilqa' t-talba tieghu."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 29 ta' Mejju 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. *"ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari jiġi rilevat ukoll illi preliminarjament, ghall kull buon fini l-esponent jirrileva illi l-kopja tar-rikors tar-rikorrent li giet notifikata lill-esponent hija sprovvista mil-lista ta' xhieda skont kif inhu indikat mill-**Artikolu 15(2)(d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

2. *ILLI dwar il-mertu, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

3. *ILLI fl-ewwel lok, huwa importanti li jinghad li fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta' licenzja ta' Gwardjan Privat, fil-kuntest ta' Artikolu 10(a) (i) sa (vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni. Jekk wahda jew aktar mic-cirkostanzi stipulati fl-imsemmi artikolu tal-Ligi tissussisti, kif gara fil-kaz in*

*ezami, huwa ghandu jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenzja ta' Gwardjan Privat;*

4. *Illi l-esponent jibda biex jirrileva illi l-ittra li ntbaghtet lill-esponent sabiex jigi mgharraf illi ma nghatax il-licenzja, kien fiha elenkati r-ragunijiet moghtija mil-ligi stess li fuqhom gie skwalifikat ir-rikorrent. Jinghad illi r-rikorrent jaf ben tajjeb, tant li rrefera ghalihom hu stess fir-rikors promotur, li hu nstab hati ta' reati li jmorru kontra l-Persuna, u minhabba f'hekk, ma tistax tinhariglu l-licenzja ta' gwardjan privat.*

5. *Illi skont l-artikolu* ***10(a)(v) tal-Kap. 389*** *"il-Kummissarju <u>għandu jirrifjuta applikazzjoni</u> f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: (a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant... (v) <u>tkun instabet ħatja</u> f'Malta jew x'imkien ieħor <u>ta' xi delitt kontra l-persuna</u> jew kontra lproprjetà <u>u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt</u>". F'dan il-kaz, fit-28 ta' Awissu 2012, ir-rikorrent ikkommetta numru ta' reati kontra l-persuna ta' Claire Agius u ghalhekk, in vista tat-test tal-ligi ikwotat aktar 'l fuq, sad-data tat-28 ta' Awissu 2017 l-esponent huwa marbut bil-ligi li jirrifjuta applikazzjonijiet maghmulin mir-rikorrent u dan stante r-reati li gew komessi mir-rikorrent stess fl-2012;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ghal kull buon fini, qieghed jigi migjub a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal illi ghalkemm mart ir-rikorrent, Claire Agius, kienet a viva voce haffret lil rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti dak inhar tal-kaz, xorta jiba' l-fatt illi r-rikorrenti effettivament instab hati tar-reati li gie akkuzat bihom u huwa irrilevanti li martu hafritlu, li ghadhom jghixu flimkien sad-data tal-lum u hu ma kkometta ebda reat iehor wara din id-data.*

7. *ILLI oltre minn dan, ir-reat ta' arrest illegali, reat li tieghu instab hati u gie ikkundannat ir-rikorrent, huwa* ***delitt gravi*** *li jaqa appuntu taht l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ser jigi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

8. *ILLI ir-rifjut sar ukoll ai termini tal-Artikolu 10(b) ta' Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad illi l-esponent ser igib ukoll provi fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors, li ser juru ezattament ghaliex inhass illi mhux fl-interess pubbliku li tinhareg licenzja lir-rikorrent;*

9. *Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent. "*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1], ta' Claire Agius[2] u tas-Supretendent Ramon Mercieca,[3]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 15 ta' April 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini tal-Artikolu 10 (a) (i), 10 (a) (v) u 10 (b) fl-interess pubbliku, minhabba li gejt misjub hati ta' sentenzi fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi t-Tribunal se jghaddi mill-ewwel biex jissorvola l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat fejn irrileva illi r-rikors promutur huwa sprovvist mil-lista ta' xhieda kif inhu rikjest minn artikolu 15 (2) (d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-12 ta' Ottubru 2015 giet ipprezentata l-imsemmija lista ta' xhieda u ghalhekk din l-eccezzjoni hija sorvolata.

Illi fil-mertu **r-rikorrent** jghid li huwa kien inghata sentenza sospiza wara li kellu xi problemi mal-mara, u li pero`, minn dakinhar 'l hawn ma rega' qatt kellu problemi. Jghid li f'Novembru 2015 inhargitlu licenzja biex

[1] A fol. 32 sa 34 u a fol. 44 sa 46
[2] A fol. 36
[3] A fol. 58 sa 61

jahdem bhala xufier ma’ garaxx privat li offra s-servizzi ta’ trasport fl-okkazjoni tac-CHOGM. Jistqarr li din kienet it-tielet darba li kien applika ghal-licenzja ta’ gwardjan privat ghaliex dejjem kienet giet rifjutata.

**Claire Agius**, mart ir-rikorrent, xehdet li kienet ilha mizzewga lir-rikorrent ghal ghaxar snin u li kellhom problema wahda tul dan iz-zwieg fejn kellha bzonn l-assistenza tal-Pulizija pero` wara rrangaw kollox.

It-Tribunal ra n-Noti tal-Kummissarju intimat li permezz taghhhom esebixxa zewg (2) sentenzi fil-konfront tar-rikorrent u cioe`:-

1. Sentenza datata 25 ta’ April 2001 fejn ir-rikorrent gie akkuzat talli f’Awissu 2000 saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga u li saq l-istess vettura wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-awrina kien izjed mil-limitu preskritt mil-ligi, u talli saq l-istess vettura b’manjiera traskurata u perikoluza. Gie akkuzat ukoll talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-Regolamenti kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Giovanna Chetcuti. Ghal dawn ir-reati huwa gie misjub hati u mmultat Lm200 u gie skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

2. Sentenza datata 30 ta’ Awissu 2012 fejn ir-rikorrent gie misjub hati li f’Awwissu 2012 issekwestra lil martu kontra l-volonta` taghha, li kkagunalha griehi hfief, li insulentaha, heddiha jew ingurjaha, li tellfilha jew naqqas il-gieh taghha bi kliem u gesti, talli gab ruhu b’mod li kien jaf jew imissu kien jaf li kien ta’ fastidju ghaliha u wkoll talli bl-imgieba tieghu ikkagunalha biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-

proprjeta` taghha. Ir-rikorrent kien ammetta ghal dawn l-akkuzi u gie kkundannat disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

**Is-Supretendent Ramon Mercieca** xehed illi r-reati mwettqa fl-2012 huma ta' natura gravi u ghalhekk kellu johrog ir-rifjut kemm abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u kif ukoll tas-subartikolu (v). Jghid li fil-waqt li persuna li twettaq reat elenkat taht is-subartikolu (v) jista' japplika wara li jkunu ghaddew hames snin minn meta tinghata s-sentenza, taht is-subartiolu (a) (i) m'hemm l-ebda zmien li jista' jghaddi biex wiehed japplika u ghalhekk jekk wiehed iwettaq reat imsemmi fl-istess subartikolu ma jkun qatt eligibbli li tinhariglu licenzja ghal gwardjan privat.

It-Tribunal josserva illi meta wiehed ihares lejn il-pieni inflitti ghar-reati fuq imsemmija jirrizulta li ghalihom r-rikorrent inghata kemm multa u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u kif ukoll sentenza sospiza. Illi ghalkemm il-Qrati trattaw mar-rikorrent b'pieni mhux karcerarji ma jfissirx illi l-Kummissarju intimat ghandhu jinjora l-istess sentenzi meta jigi biex jevalwa applikazzjoni ta' gwardjan privat.

Illi ghal stampa iktar cara it-Tribunal se jiccita d-disposizzjonijiet rilevanti ta' artikolu 10 (a) (i), (a) (v), u (b) li jghidu s-segwenti:-

*"Il-Kummissarju **<u>għandu jirrifjuta</u>**[4] applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a)meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' **xi delitt gravi ieħor**;*

[4] Enfasi tat-Tribunal

*(v) **tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt***

...

*(b) **meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"***

Illi ghalhekk meta wiehed jara r-reati msemmija f'artikolu 10 (a) (i) isib li dawn huma reati ta' certu gravita` u li jaffettwaw lis-socjeta` in generali u li konsegwentement igorru maghhom pieni iktar severi minn ta' reati ohrajn.

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal fejn si tratta tar-reat ta' **<u>sewqan traskurat taht l-effett tax-xorb jew drogi dan ir-reat huwa gravi</u>** ghaliex jista' jinholoq, kif fil-fatt inholoq, perikolu ghal terzi li jkunu ghaddejjin ghall-affari taghhom mit-toroq. Sewqan minn persuna intossikata b'xorb jew droga hija ta' perikolu kbir kemm ghaliha nnifisha u kemm ghas-socjeta` in generali ghaliex l-agir tieghu jista' jhalli konsegwenzi serji fuq vittmi innocenti. L-istess jista' jinghad ghar-reati mwettqa fil-konfront tal-mara tar-rikorrent. Huwa veru li dawn ir-reati sehhew f'xenarju familjari partikolari u li l-vittma hafret ukoll lir-rikorrent. Madankollu dan ma jiggustifikax l-agir tar-rikorrent u kien ghalhekk li anke l-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ikkundannat lil-rikorrent b'piena ta' prigunerija sospiza. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-Kummissarju intimat kien korrett meta ikkunsidra r-reati bhala li jaqghu fid-definizzjoni ta' **"reati gravi ohra"**. Di piu` il-Kummissarju intimat kien gustifikat ukoll li jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 10 (a) (v) u dan ghaliex mill-atti jirrizulta illi ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta gie kkundannat is-sentenza sospiza ghal reati kontra l-persuna. Kif qal tajjeb is-Supretendent Ramon Mercieca il-hames (5) snin ikunu ghaddew f'Awissu 2017. Kwindi hawn il-Kummissarju l-anqas biss

kellu l-ebda tip ta' diskrezzjoni, izda, ai termini tal-ligi, ried bilfors jichad l-applikazzjoni maghmula mir-rikorrent.

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet rifjutata wkoll abbazi tal-artikolu 10 (b), u cioe` li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja. Illi hawnhekk il-Kummissarju intimat kien gustifikat li jiehu in konsiderazzjoni s-sentenzi kollha inflitti fil-konfront tar-rikorrent f'perjodu ta' cirka hdax-il sena. Illi nonostante li jista' jkun li kien hemm xi problemi familjari, kif anke ikkonfermat mart ir-rikorrent li kienet il-vittma tal-ahhar incident, l-agir tar-rikorrent mhuwiex gustifikat jew skuzabbli. Illi ghalkemm huwa minnu li mill-ahhar sentenza ghaddew cirka erba' snin, dan it-Tribunal isibha difficli biex jaghti kreditu lir-rikorrent meta jara li wara perjodu ta' cirka hdax-il sena rega' kiser il-ligi b'mod daqshekk serju. Il-licenzja ta' gwardjan privat iggorr maghha responsabbilita` kbira u fil-persuna ta' gwardjan is-socjeta` trid tara figura ta' protezzjoni u mhux li hu stess ikun ikkommetta reati gravi. Illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova, hlief i-xhieda tal-mara tieghu li tghid li llum il-gurnata r-relazzjoni taghhom m'ghadhiex problematika, li taghti xi certifikat lill-mod kif huwa qieghed jikkonduci hajtu. Ghalkemm jistqarr illi huwa kien xufier fl-avveniment tac-CHOGM, liema avveniment sehh f'pajjizna fl-2015, dan ftit li xejn jista' jkollu xi tip ta' piz fuq il-kunsiderazzjonijiet ta' dan it-Tribunal ghaliex it-tip ta' licenzja ghal gwardjan privat hija regolata b'legislazzjoni appozita u l-Kummissarju tal-Pulizija huwa obbligat li jsegwi *ad litteram*. Dan apparti l-fatt li c-cirkostanzi li jista' jsib ruhhom fihom gwardjan privat huma ta' natura differenti milli wieheq isuq vettura fl-avveniment tac-CHOGM. Illi fid-dawl ta' dan kollu it-Tribunal ma jara xejn ingustifikat li l-Kummissarju hass li ma hux fl-interess pubbliku li johrog il-licenzja *de quo*.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-Kummissarju intimat kien ukoll gust fir-rifjut tieghu abbazi tal-artikolu 10 (1) (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jichad l-appell tar-rikorrent u jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 15 ta' April 2015.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**

**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**

**Deputat Registratur**